# IN-NIES TAX-XAGĦRA FL-1667

**- IT-TIENI PARTI -**

*jikteb Victor J. Galea*

## 12. IX-XAGĦRA.

Xagħra hu l-isem tal-wiċċ tal-blat miksi bil-ħamri li Għawdex insibuh fuq il-qċaċet aktarx watja tal-muntanji li għandna kif ukoll ta' Ċenċ.

Ir-raba' ħamri li jiksi dawn il-qċaċet xi drabi fil-fond u xi drabi raqqaq jew rqajja' ngħidulu xagħri. Fejn il-blat tal-qawwi li jiksi l-qċaċet tal-muntanji li għandna Għawdex tbaxxa bit-terremoti bħax-Xewkija fejn il-Ħamrija u r-Rabat lejn taċ-Ċawla wkoll insibu l-ħamri li billi qiegħed fil-baxx iktar ikun fil-fond.

Kemm Għawdex u kemm Malta l-ħamri xi drabi nsibuh fuq is-saff tal-franka jew fuq iż-żonqor ta' taħt inċim il-baħar. Għawdex għandna ħamri ta' Ċenċ u Malta hemm, ngħidu aħna, l-Imqabba, il-manbar tal-barrieri tal-franka, fejn insibu post jgħidulu x-Xatba l-Ħamra u lejn l-Imnajdra, Ras il-Ħamrija fuq is-sekonda.

L-isem Xagħra għalhekk issibu l-biċċa l-kbira fejn hemm iż-żonqor ta' fuq jew, kif jgħidulu, il-prima, imma ma jonqosx f'xi nħawi fejn hemm il-franka jew iż-żonqor ta' taħt li nafuh bħala sekonda. Hekk Malta nsibu l-inħawi ta' Had- Dingli, ir-Rabat ta' l-Imdina, l-Imġarr, il-Mellieħa u l-Aħrax mimlijin bix-xagħriet. Għalija l-aktar wieħed sinjifikattiv hu l-isem ta' waħda li hemm fuq ir-riħ ta' l-Imtaħleb: ix-Xagħra ta' Bla Ħajt għax turi li darba x-xgħari kienu kollha moxa. Bħala eżempju ta' nħawi ta' fuq il-franka nsemmi biss xi ismijiet li jafhom kulħadd bħal Xagħret Mewwija fejn inbniet il-Belt u x-Xagħra tal-Furjana. In-naħa l-oħra hemm ix-Xgħajra ta' Bormla u dik ta' Ħaż-Żebbuġ fejn jitfaċċa ż-żonqor ta' taħt.

Issa meta Sant' Anton sar parroċċa fl-1688 kienu jgħidu li qiegħed fl-inħawi tal-Qaċċa u għalhekk ir-raħal ħa dan l-isem għall-inqas fil-kitba tal-Knisja, tan-nutara, tal-gvern u oħrajn. Imma n-nies ir-raħal kienu jafuh bħala Xagħret l-Għażżenin.

Sant' Anton sar parroċċa għax dak in-nhar ma kienx hemm knisja oħra x-Xagħra kollha kif iddur. Dan kien sew għal dawk li kienu joqogħdu madwaru imma għan-nies tan-naħa t-isfel tar-raħal li Ciantar jgħid li kienu joqogħdu fl-inħawi tar-Ramla dan kien ta' skomdu. Għalhekk l-isqof ordna knisja ġdida f'nofs ir-raħal biex tkun tista' tintlaħaq minn kullimkien. Il-post kien għadu moxa fl-inħawi tax-Xagħra l-Kbira, isem li barra x-Xagħra nsibuh iż-Żebbuġ wara il-knisja, Ta' Ċenċ lejn Mġarr ix-Xini, u Malta fuq l-Imtaħleb. Jien li meta kont tfal min jaf kemm għaddejt għal għand nannti li kienet toqgħod tal-Qaċċa minn dik ix-Xagħra l-Kbira dejjem kont nisma' 'l ommi tgħid; Ejja ngħaddu mix-xagħri ħa nqassru.

Wara li telgħet il-knisja tal-Vitorja li għaqqdet ir-raħal imxerred ma' l-erbat irjieħ, l-ismijiet qodma ntesew u rebaħ dak tal-post fejn nbniet, ix-Xagħra, għax l-isem ta' parroċċa dejjem ikun tal-post fejn hemm il-knisja anke jekk ma jkunx raħal. Malta, dari, il-parroċċa ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ kellha seba' rħula magħha, imma issejħet hekk għall-knisja li kellha bir miftuħ ħdejna u mhux raħal.

## 13. IL-KUNJOMIJIET XAGĦRIN FL-1667.

Il-kunjomijiet li nsibu x-Xagħra meta sar iċ-ċensiment ta' l-1667 biċċa minnhom kienu ġejjin minn qabel ġew it-Torok fl-1551. Uħud minn dawn il-kunjomijiet kont issibhom Għawdex biss filwaqt li oħrajn kont issibhom ukoll Malta.

Imbagħad kien hemm dawk li ġew minn Malta u Sqallija wara l-1551 biex jimlew id-dagħbien li ħallew dawk l-eluf ta' Għawdxin li tkarkru lsiera Stanbul biex qatt ma' ġew iżjed art twelidhom. Dil-mewġa ta' nies il-prof. Fiorini jwassalha sa l-1585. Wara baqgħu ġejjin nies ġodda sal-ġurnata mqaddsa tal-lum.

## 14. KUNJOMIJIET TA' QABEL L-1551.

Fost il-kunjomijiet ta' qabel l-1551 li kont issibhom Għawdex biss, ix-Xagħra fl-1667 insibu Theuma (żewġ familji), Mintoff (2), Mercieca (2), Refalo (2), Cremona (1) u Rapa (1). Fost dawk li kont issibhom kemm Għawdex u kemm Malta qabel l-1551, ix-Xagħra niltaqgħu ma' Bajada (1), Farrugia (3), Buhagiar (3), Saliba (1), Vella (5), Said (1), u Attard (*Tardu*) (1). Il-kunjomijiet ta' dawn setgħu kienu ta' Għawdxin ta' qabel l-1551 u setgħu kienu wkoll ta' Maltin li ġew wara l-1551 joqogħdu Għawdex minn Malta.

Tgħiduli: Jekk l-Għawdxin ta' qabel l-1551 inġarru rrink fuq ix-xwieni Torok kif għad fadal il-kunjomijiet tagħhom hawn? Huwa minnu li min telaq rari reġa' lura. Ġew lura biss dawk li kellhom biex jinfdew u kienu jafu mnejn għandhom jgħaddu fosthom il-benestanti u xi qassisin bħal Dun Lawrenz Apap, il-kappillan ta' San Ġorġ.

L-irġiel f'saħħithom, jgħidu xi sitt mija, sabu ruħhom marbuta mal-bank tax-xwieni jaqdfu għal għomorhom jew sa ma x-xini jegħreq bihom b'kollox. Fost dawn insibu lill-gvernatur t'Għawdex Galazjanu de Sesse li kif wasal ix-Xatt bil-bagoll fuq spalltu neżżgħuh u rabtuh mal-moqdief. Dam f'din il-ħajja ħames snin sħaħ qabel infeda. Issa jekk il-gvernatur dam daqshekk biex inħeles mill-jasar, ġibu quddiem għajnejkom kif setgħu jinfdew l-Għawdxin li ma kellhomx għaxja ta' lejla, ta' fuqhom senduqhom.

Billi semmejna l-kunjomijiet Theuma u Bajada fost dawk ta' qabel l-1551, se ngħidilkom fil-qosor, kif ġew lura Lażżru Theuma, novizz Franġiskan ta' sbatax -il sena u Patri Pawl Bajada, Agostinjan, li t-tnejn damu s-snin lsiera wara l-1551, il-patri Pawl ma' missieru Toni u ommu Anġla.

Wara madwar sbatax -il sena Patri Pawl Bajada ftiehem ma xi negozjanti li kienu Stanbul biex iħallsulu l-fidwa u jġibuh Għawdex fejn kellu jbigħ ħwejjeġ ommu u missieru ħalli jroddilhom il-prezz tar-riskatt. Ommu u missieru għażlu li jibqgħu fl-art tat-Tork imbasta jaraw lil binhom ħieles pajjiżu.

In-novizz Lażżru Theuma waqa' lsir ma' sieħbu l-patri Mikiel Pincia li miet fil-jasar. Meta nafu li l-patri Lażżru Theuma qaddes biss fl-1602 wieħed u ħamsin sena wara li nqabad ilsir wieħed jista' jaħseb kemm dam ma rifes lura Għawdex. L-imsejken il-kunvent waħdu kien jitwaħħax u fl-1607 kisseb kamra fuq is-Sur fejn kien idabbar rasu kuljum biex jorqod. Meta naqraw li fl-1583 niżlu t-Torok u mir-Rabat karkru xi sittin minn madwar mit

ruħ li kienu joqogħdu hemm, wieħed jifhem għalfejn il-patri Lażżru ġismu kien iqum xewk xewk kif joqrob il-lejl.

Għalhekk irridu nsibu raġunijiet oħra għalfejn tant kunjomijiet Għawdxin ta' qabel l-1551 għadhom magħna sal-lum. L-ewwelnett, ħafna rġiel Għawdxin, kif saru jafu li l-gvernatur kien ftiehem mat-Torok biex jiftħilhom Bieb il-Belt ħalli jġorru lil kulħadd ilsir u jieħdu kulma jsibu 'l ġewwa mis-swar, iddendlu bil-ħbula mit-twieqi tad-djar li kienu jagħtu għal fuq is-sur li jħares lejn Wied Sara u ħarbu għall-imxieti ġol-muntanji u fl-għarien li jagħtu għall-baħar. Minn dawn jgħidu li kien hemm xi tliet mija b'kollox.

Il-ħabib tiegħi Ġanni Bezzina, fost l-għajdut li ġabar fuq dawn il-ġrajja, jgħid li raġel mix-Xagħra, huma u niżlin bih ix-Xatt biex jgħabbuh fuq ix-xwieni, kellem kursal f'widintu u qallu li hemm fuq f'wieħed mill-għerien kien ħeba teżor. Il-kursal ir-regħba għalbitu u telaq miegħu, hu u sħabu, forsi lejn il-Mixta li hemm moħbija fuq ir-riħ taz-zuntir tal-pesta, Għajn Lukin. Hemmhekk ix-Xagħrin li kienu staħbew f'dan il-għar qabżu fuq il-kursali u tertquhom.

Barra dawk li semmejna seta' kien hemm ukoll Għawdxin Malta jew Sqallija. Insemmi biss lin-neguzjant Toni Hinzi, li niesu waqqfu l-benefizzju ta' Sant' Anton, li kien il-Birgu.

## 15. IL-KUNJOMIJIET TA' DAWK LI ĠEW WARA L-1551 SA L-1585.

Fost dawn il-kunjomijiet insibu lil Borġ (każata waħda), Hili (2), Calleja (1), Cassar (3), Muscat (1), Xerri (8), Bonell (2), Bigeni (5), Tabone (1), Agius (3), Frendo (1), Cachia (2), Pace (1), Gatt (1), Xuereb (2), Sultana (1) u Mifsud (1).

## 16. IL-KUNJOM XERRI.

Bħalma wieħed jista' jara l-kunjom Xerri fl-1661 kien l-iktar kunjom li kont issib ix-Xagħra għax kien hawn tmien familji bih. Dal-kunjom għandu minn żmien is-Saraċini (1045-1250) u jfisser bniedem *kustunjuż*, li jħobb jaqla' l-inkwiet. Qabel l-1551, Malta kont issibu fl-inħawi tan-Naxxar, imma ma kontx issibu Għawdex.

L-ewwel wieħed li nafu li ġie Għawdex kien Lemmu Xerri, bidwi mill-Mosta. Lemmu llum insibuh William bl-Ingliż, dari Guliermu li kien jitqassar Liemu jew Lemmu. Ġimgħa fuq il-Vitorja ta' l-1586 Lemmu Xerri ħa qbiela għal erba' snin ir-raba' li kellhom il-patrijiet Agostinjani, fl-inħawi tar-Ramla, fil-fatt in-naħa ta' Gajdoru, jgħidulu l-Ġonna b'dar li kienet saret ħerba u raba' ieħor jgħidulu l-Ġnejjen, fl-istess inħawi. Fuq il-kuntratt deher il-pirjol Pawlu Bajada li diġa' semmejt.

Ma nafx hux ir-raba' kollu li kellhom l-Agostinjani r-Ramla kien ħa Lemmu Xerri. Dan kien ilaħħaq it-tmintax-il tomna. Imma billi l-qbiela kienet fl-uqija u tnejn u għoxrin irbiegħi fis-sena seta' kien biċċa sew minnu għax b'din is-somma dak iż-żmien kont tagħmel tnejn u ħamsin quddiesa bir-rbiegħi l-waħda.

L-imsejken Lemmu ma tantx dam jaħdem dan ir-raba għax sena wara għamel it-testment u ħalla ħwejġu lil uliedu.

## 17. IL-KUNJOM BIĠENI.

Fiċ-ċensiment ta' l-1667 insibu ħames familji kunjomhom Biġeni. Fis-seklu ħmistax (1401-1500), il-kunjom Biġeni l-aktar li kont issibu kien Ħaż-Żebbuġ, b'xi wieħed jew tnejn band' oħra. Għawdex fl-1575 jissemma Marku Biġeni bin Xmun. Imbgħad ħames snin wara niltaqgħu ma' Stejfen bin Marku li laħaq miet.

Ix-Xagħra ħabta ta' l-1600 jissemma ħafna Ġomu Biġeni li kellu l-ġnien fejn kienet il-knisja ta' Santa Marija ta' Għajn Xejba. Jissemma ukoll li kellu r-raba' ta' Santa Marija ta' Għajn Meddew. Issa Ġomu kien jgħid li kunjomu kien Buġġeni. Dan jixbaħ lil Biġeni kif insibuh miktub Bormla xi żmien wara. Il-prof. Fiorini jaħseb li l-Biċċieni dari kien raħal għalih u llum ma' Ħaż-Żabbar, marbut ma dan il-kunjom. Ngħiduha kif inhi ftit hemm differenza bejn Buġġeni u Biċċieni; l-iktar meta x-Xagħra l-kunjom ngħiduh Biġieni.

## 18. IX-XAGĦRA R-RAĦAL TAS-SLATEN

Hekk ġew li qaluli meta ngħidilhom li jien mix-Xagħra. Ġie li smajthom jgħidu ukoll li x-Xagħra pajjiżis-slaten. Dan ifisser li il-poplu jemmen li l-kunjom Sultana hu nisel ix-Xagħra fejn kotor u minn hemm xtered ma' Għawdex, Malta u barra minn dawn il-gżejjer ukoll.

Ta' min isemmi li x-Xagħra nies kunjomhom Sultana kienu jgħidulhom Ta' Sultana. Għandna ukoll nies li nsibuhom is-Sultan u laqamhom nafuh bħala tas-Sultan. Dawn iż-żewġ laqmijiet huma ta' importanza għax skont ma sab il-prof. Fiorini l-ewwel wieħed li kellu dan il-kunjom ġie waħdu minn Sqallija u kien jismu Pietru De Soltano li ġimgħa fuq Santa Marija ta' l-1569, iżżewweġ lil Ventura, mara Għawdxija u fit-3 ta' Settembru ta' l-1571 għammdilhom tarbija, iben, Nardu de Ċaċi, il-kappillan tal-Matriċi ta' Santa Marija. Intessanti kif meta tejjeġ niżżluh de Soltano li jaqbel mal-laqam li kont nismagħha ssemmi ommi, Ta' Sultana u meta għammed niżżluh Sultano biss li jaqbel mal-laqam is-Sultan.

Ix-Xagħra madanakollu fiċ-ċensiment ta' l-1667 insibu biss il-familja ta' Ġanni Sultana ta' sittin sena żewġ Margerita li milli jidher kien għad baqagħlu d-dar erba' wlied, Brejnet, Kulaċi, Wiġi, Marozza u Menzja, il-kbira ta' ħmistax-il sena. Dan qed ngħidu għax skont il-prof. Fiorini hu kellu tifel, Mattijolu, li żżewweġ lil Menzja Bartolo n-Naxxar fl-aħħar ta' Ottubru ta' l-1666. Fl-1687 Mattijolu kien miet u ħalla wrajh erba' ulied jiġifieri lil Ġanni, Rodrigu, Grezzja u Ġann Dumink. Brejnet iżżewweġ Birkirkara lil Grezzja Zarb fil-25 ta' April ta' l-1672. Dan kollu juri kemm xtered kmieni Malta l-kunjom Sultana.

Issa fiċ-ċensiment ta' l-1667, il-kappillan tal-Matriċi, barra lil Ġanni Sultana, ix-Xagħra, band'oħra niżżel lil Pietru Sultana ta' sebgħin sena ma' martu Valenzja u uliedhom Barbra, Ġanni u Ġiġa. In-Nadur niżżel lil Wistin Sultana ta' 28 sena ma martu Lukrezja u uliedhom Toni u Pietru ta' tliet snin u sentejn. Wistin la semma Pietru seta' kien bin Pietru li għadna kif semmejna, filwaqt li dan Pietru kien jiġi nannuh Pietru de Soltana, l-Isqalli li kien l-ewwel wieħed li kellu dal-kunjom Għawdex, għax dari kienu jsemmu għan-nannu, drawwa li għadha ma nqatgħetx għal kollox fostna.

## 19. IL-KUNJOMIJIET LI DAĦLU WARA L-1585

Fost il-kunjomijiet li daħlu Għawdex minn Malta wara l-ewwel mewġa nsibu lil Vassallo, Pisano, Bartolo, Tanti, Sant, Falzon u forsi Gafa', il-kastellan tat-Torri tal-Qortin. Uħud minn dawn il-kunjomijiet illum għabu, oħrajn kotru. Il-fatt li fl-1667 ma ssibx iktar minn familja waħda b'xi kunjom ġdid ifisser li ma kienx ilhom li marru joqogħdu x-Xagħra.

Naħseb li ntbaħtu li ħafna mill-kunjomijiet li għandna llum ix-Xagħra kienu għadhom ma tfaċċawx fl-1667. Dan ma jfissirx li min, bħali, kunjomu ma jidhirx hawn, m'għandux demm dawn in-nies jiġri fil-vini tiegħu.

Biex ma nsemmi lil ħadd ħa nieħu lili nnifsi li ħadt il-kunjom Galea kemm minn għand missieri u kemm minn għand ommi. Dal-kunjom, għandu minn żmien is-Saraċini (1045-1250) u kien jinkiteb Galie, bir-raħli, fl-antik. Sqallija fi żmien in-Normanni l-ismijiet tas-Saraċini kienu jinkitbu bil-Għarbi u bil-Grieg. Insibu Iben Għalja jinkiteb bil-Grieg épin Galie, preċiżkif insibuh miktub Malta fis-seklu ħmistax. Dan ifisser li għalkemm Għalija, illum għolja kien isem ta' mara kienu jużawh għall irġiel billi jiktbuh Iben Għalja, bħalma x-Xagħra kellna ġnien Bin Xibla, illum Ġnien Xibla, in-Nadur Bin Ġemma u Għajnsielem hemm Wied Biljun jiġifieri Bin Iljun.

Skont il-prof. Wettinger l-ewwel li insibuh dal-kunjom Malta ħabta ta' l-1400 kien il-Mosta u fl-irħula ta' madwarha. Għax tgħid, il-Mosta hemm post jgħidulu l-Blata l-Għalja. Illum il-Mosta m'hemmx triq li fiha ma ssibx dal-kunjom. Għawdex, skont il-prof. Fiorini, l-ewwel li nsibu lil Girgor Galie min-Naxxar fl-1562. Warajh jissemma Pietru Galie minn Hal Lija li fl-1569 ġie jaħdem ma' Rajniel Maħnuq, benessant Għawdxi li kellu raba' kemm tara b'għajnejk ix-Xewkija u Ta' Sannat. Imbgħad inqala' Dumink Galie, Mosti li fl-1575 iżżewweġ lil Inċona Parnisi. Għalhekk għalkemm fl-1665 kunjomi ma kienx għadu tela' x-Xagħra kien ilu Għawdex sa minn wara l-istraġi tat-Torok ta' l-1551.

Issa jien kunjom nannieti kien Tabone u Theuma, filwaqt li bużnannieti kienu Buħaġiar u Cachia min-naħa ta' missieri u Xerri u Teuma min-naħa t'ommi. Dawn kollha jinsabu f'dan iċ-ċensiment. In-nanna Ketrina, omm ommi kienet Theuma miż-żewġ naħat. Huha kien jismu Pawlu. Meta nafu li dari l-ismijiet kienu jintirtu għax kienu jsemmu għan-nanniet ma nistax ma nsemmix li f'din il-lista ta' nies ta' l-1661, Dumink Theuma għandu tifla jisimha Ketrina u tifel jismu Pawlu, li Ġann Pawl Theuma martu kien jisimha Ketrina u li l-kap tat-tielet familja li kunjomha kien Theuma kien jismu Pawlu.

Jiena ċert li f'demmi għandi demm l-Għawdxin li kienu jgħixu Għawdex qabel l-1551 għax għalkemm illum jien ngħodd ruħi max-xjuħ xagħri għadu ma sarx qotna, ħaġa li jien uritt minn għand ommi Karista u li hi wirtet minn għand ommha Ketrina li ommha u missierha kienu t-tnejn Theuma.

## 20. IĊ-ĊEMSIMENT

**Marsalforn.**

1. Valerju Gafa', (ta' 56 sena) kastellan tat-Torri.
2. Pawluzzu Busuttil (55), kap tad-dar, massar; Margerita(40), martu u wliedhom Pietru (20), Ġamri(18), Ġierka (Anġelika) (10), Ketrina (8), Duminka (6) u Dumink (4).
3. Tumas Borg (47), kap tad-dar, massar; Nazja (44), martu, u wliedhom Wiġl (24), Ketrina (18), Katerinella (14), Dumink (12), Marija (7), Lonzika (4) u Marjetta (3).
4. Dumink Bajada, kap tad-dar, ġardinar (40); Marija (30), martu, u wliedhom Ġużeppi (8), Wistin (6), Bertu (Albertu) (4) u Grezzja (2).
5. Dumink Thewma (50), kap tad-dar, ġardinar; Margerita, martu u wliedhom Ġanni (26), Wenzu (18), Ketrina (14), Ġamri (6) u Pawlu (2).
6. Ġużeppi Farrugia (60), kap tad-dar, massar, u Margerita (40) martu, u Luqa, ibnu (18).
7. Ġamri Hili (42), kap tad-dar, povru, u Grezzja (26), martu, u wliedhom Marija (5), Tereża (2) u Ġużeppi (4).
8. Santoru Farrugia, kap tad-dar, massar, (42); Kella (Dominikella), martu (30) u bintha Ketrina (14).
9. Ġann Pawl Thewma, kap tad-dar, povru (34) u Ketrina martu (32).
10. Gulju Buhagiar, kap tad-dar, povru, (65) u Ġierka, martu (32) ma' wliedhom Marija (36) u Ġamri (30) (naturalment mill-ewwel żwieġ), Ġierka (Anġelika) (16), Ketrina (14), Ġużeppi (10) u Dumink (6).
11. Pietru Calleja (29), kap tad-dar, povru u Pawlika, martu (30) u Marjellu, binhom (4).

***<u>Xagħret il-Għazzenin.</u>***

1. Pietru Cassar, kap tad-dar, povru (27), xkett (jiġifieri mhux miżżewweġ) ma' oħtu Grezzja (26) u Marija (16).
2. Ġierka, armla ta' Xmuni Mintuf (93).
3. Ġanni Mintuf, kap tad-dar, povru (660 u Pawlika, martu (51) ma' wliedhom Ketrina (9), Xmuni (7) u Dumink (3).
4. Dumink Saliba, kap tad-dar, povru (32) u Ġakba martu, (23), ma Katrina (3), binthom.
5. Mattija, armla ta' Dumink Muscat, ma wliedha Wenzu (9), Barbra (8) u Ġann Pawl (4).
6. Ġulju Vassallo, ġardinar, kap tad-dar (40) u Madaliena (34) martu, ma' wliedhom Franġisk (9), Ġużepp (7), Marija (6), Wenzu (3) u Ġanni (1).
7. Indrija Vella, ġardinar, kap tad-dar, (22) u Margerita (26) martu ma' Ketrina (7), Ġamri (6), Ċensu (4) u Ġrabiel (1), wliedhom.
8. Ġużepp Pisano, ġardinar, kap tad-dar (34) u Lawrja (55), martu ma' Duminka (26) u Tereża (14) uliedhom.
9. Franġisk Xerri, kap tad-dar, massar (43), Valenzja (42), martu, ma wliedhom Dumink (26), Ġann Pawl (17), Ketrina (8), Ġannella (5) u Lonzika (3).
10. Ġakbu Cassar, massar, kap tad-dar (25) u Nazja (19), martu.
11. Ġużeppi Xerri, kap tad-dar, povru (45) u Duminka (40), martu ma' Marozza (17), Ġannella (15), Pawlika (12), Grezzja (8), Ġanni (4) u Sabbella (2), uliedhom.
12. Pietru Bonell, kap tad-dar, povru (45) u Prudenza (30), martu.
13. Dumink Cassar, xkett waħdu (45), Sabbella (40), martu, Franġisk (8), Salvu (6), Ġierka (4) u Ġużeppi (2). (Hawn xi ħaġa ma ddoqqx!)
14. Indrija Biġeni, kap tad-dar, (50), povru, Pawlika, martu (40) ma' Ġużeppi (15), binhom.
15. Ġamri Busuttil, massar, kap tad-dar, (52), Ġierka (35), martu, ma' Ġorġ (17), Ketrina (8), Pietru Pawl (8), Ġanni (3) u Ġużeppi (1), uliedhom.
16. Wenzu Buhagiar (56), kap tad-dar, ġardinar, Ketrina (56), martu, ma' Dumink (35ċ), Ċensu (28), Wistin (20ċ) u Baskal (10ċ). (ċ= ċirka, madwar)
17. Ġanni Farrugia, kap tad-dar, povru, Pawlika, martu, Brejnet (18), Dumink (14), Susanna (12) u Barbarika (8), uliedhom.
18. Mattjolu, kap tad-dar, povru (29) u Gulja (32),

martu.
19. Ġanni Xerri, kap tad-dar, povru (50), Ketrina (30) martu, ma' Mauzza (16), Marjanu (6), Lonzika (3) u Wiġi (2), uliedhom.
20. Bartilmew Tabone, kap tad-dar, povru (61), Ġierka (65), martu, ma' Perna (Imperja) (26) u Ġamri (24), uliedhom.
21. Natal Biġeni, massar, kap tad-dar, (42), Marija martu, (40), ma' Ġiġa binthom, (13).
22. Rokku Busuttil, kap tad-dar, povru (51), Ġoma (42), martu, Marozza (41), Ġanni (16), Kella (Dominikella) (12), Pawlu (9), Valenzja (3), uliedhom.
23. Dumink Vella, kap tad-dar, povru (34), Marjetta, martu (30), Marozza (9), Pawlika (6), Anna (3) u Grezzja (3), uliedhom.
24. Salvu Mercieca (Mercica), kap tad-dar, povru (34), Sabbella, martu (32), Speranza (16), Ġenju (Ewġenju) (4), u Lażżru (2), uliedhom.
25. Ġamri Said (miktub Saijd, kif tingħad bil-Għarbi), kap tad-dar, povru, (36), Sapjenza (30), martu, Ġanni (3), Ġużeppi (1), uliedhom.
26. Dumink Agius (Hagius), kap tad-dar, povru, (40), Ketrina (30), martu, Ġużeppi (16), Ġamri (12), Marija (8), Franġisk (4), Tereża (1), uliedhom.
27. Salvu Mercieca (Mercicha), kap tad-dar, povru (34), Sabbella, martu (32), Mikieli (9), Ġanni (7), Marija (3), uliedhom.
28. Ġużman Frendo, povru, kap tad-dar, (33) u Agta (32), martu.
29. Mikieli Agius, povru, kap tad-dar, (28), Speranza martu (25), Dumink (1), binhom.
30. Mattew Cachia, kap tad-dar, povru (46), Duminka (39), martu, Sapienza (3), Ġannella (1), uliedhom.
31. Nuzzju Pace (Antonuzzu Paci), kap tad-dar, povru (45) U Tona (4?ċ), martu, Margerita (20ċ), Grezzja (18), Mattjolu (16ċ), Franġisk (14ċ), Tumas (12ċ), Pawlu (10ċ), Nikola (3), Stiefnu (1), uliedhom.
32. Dumink Xerri, kap tad-dar, povru (29), Marjetta (27), martu, Grezzja (1), binthom, u Ketrina, bint il-mejjet Ġomu Biġeni, oħt Marjetta (24).
33. Xandru Refalo, kap tad-dar, massar (34), Ketrina martu (27), Patist (6), Lonzika (3), uliedhom.
34. Pawlu Theuma, kap tad-dar, povru (40), Natalina (43) martu, Grezzja (18), Duminka (8), Ġużeppi (5), uliedhom.
35. Anġla, armla ta' Pietru Vella, povra, (62), Duminka (22), bintha.
36. Pawlu Attard, kap tad-dar, massar (22), Grezzja, martu (18) u Ketrina (1), binthom.
37. Dumink Buhagiar, kap tad-dar, povru, (38), Grezzja (35), martu, Margerita (18) binthom u Gannella (60), omm Grezzja.
38. Pupull Gatt (gat), kap tad-dar, massar (37) u Ġoma (Ġeronoma) (40), martu, Vestru (18), Albertu (16), Alunzu (14) u Ġamri (12), binhom.
39. Marjetta, mart Anġlu Vella, mejjet, povra, (42) u Franġisk (27), binhom.
40. Mattjolu Xerri, kap tad-dar, massar (61), Plejla, (Petronilla, jew kif kien jgħid missieri, Pitirnella), martu (36), Wenzu, iben (22), (naħseb minn żwieġ ieħor), Marija (5) binthom.
41. Salvu Refalo, kap tad-dar, povru (26) u Grezzja, ommu (69).
42. Dumink Agius (Hagius), kap tad-dar, povru (27), Grezzja, martu (23), Pietru (7), Ketrina (2), uliedhom.
43. Grezzja, armla ta' Dumink Xerri, povra, (40), Ġużepp (22), Ġanni (20), Franġisk (16) u Marija (13), uliedha.
44. Dumink Bartolo (Bartholo); kap tad-dar, povru (28), Ketrina, martu (26), Feliċ (6), Nazju (3), Salvu (2) uledhom.
45. Marjetta, armla ta' Ġamri Tanti, povra (66), Kella (16) (Dominikella), u Wenzu (18), uliedha,
46. Dumink Vella, kap tad-dar, povru, fil-kors (dan ifisser li kien fuq ix-xwieni tal-Kavalieri) (26), Grezzja, martu (25), Marozz (5) binhom.
47. Ġanni Xuereb (Xuerep), kjerku miżżewweġ (dan ifisser li kien jieħu t-tonsura biex jieħu xi benefizzju, jaħrab l-għassa tax-xtut u hekk), massar (56), Gulja, martu (60) u Ġużepp, binhom (21),
48. Franġisk Xuereb, kap tad-dar, massar (30), Marija (30) martu, Beatriċ (6), Petrozz (4), u tifel li miet ta' tlett snin.
49. Ġamri Biġeni, kap tad-dar, povru (35), Emilja (32), martu, Dumink (13), Agata (11), Barbarika (7), Marija (5), Ġużeppi (3) uliedhom.
50. Ġulju Bigeni, kap tad-dar, massar (49), Nazja (350, martu, Tereża (16), Wenzu (9), Lonzika (4), Dumink (1), uliedhom.
51. Marija ta' Lażżru Sant, mejjet, weħidha.
52. Ġanni Sultana, kap tad-dar, povru (60), Margerita (55), martu, Brejnet (15), Kulaċi (Calogero), (13), Wiġi (11), Marozza (14), Menzja (Klemenzja) (12), uliedhom.
53. Salvu Cremona, kap tad-dar, povru (26), Ġierka, martu (20), Kella (Dominikella), binthom (2).
54. Dumink Falzon, kap tad-dar, povru (35), Pawlika (28), martu, Mikieli (14), Duminku (12), Grezzja (7), Ketrina (4), Ġanni (1), uliedhom.
55. Ġierka, armla ta' Girgor, povra (25) u Orsla, bintha (2).
56. Mattew Mifsud, kap tad-dar, povru (56), Marija (22), Duminku (20), Grezzja (8), uliedu.
57. Lażżru Hili, kap tad-dar (36), povru, Margerita (25), martu, Tona (5), Ġulju (3), Pawlika (1), uliedhom.
58. Marjanu Cachia, kap tad-dar, povru (50), Ketrina (40), martu, Ġanni (20), Marju (18), Tereża (15), Marija (4) (forsi 14), Grezzja (10).
59. Dumink Bigeni, kap tad-dar, povru (36), Orsla (32) (martu), Ġomu (Glormu) (6), Ketrina (4), uliedhom.
60. Natal Rapa, xkett, kap tad-dar, povru (30), Kella (22), Katerinella (18), Tereża (14), Ġulju (14), Petrozz (11), ħutu.
61. Gulju Xerri, kap tad-dar, povru (33), Dminka (36), martu, Marija (4), Grezzja (2), uliedhom.
62. Tumas Xerri, kap tad-dar, massar (28), Margerita (30), martu, Salvu (5), Ġamri (2) uliedhom.
63. Dumink Vassallo, kap tad-dar, povru (27), Tereża, martu (20), Marija binthom ta' madwar sentejn.
64. Franġisk Bonello, kap tad-dar, povru (53), Vanġiela, (Evanġelista) martu, (43), Grezzja (15), Toni (11), Pietru (9), Ġamri (4), Anna (1), uliedhom.
65. L-ismijiet qlibthom mit-Taljan kif kont nismagħhom ix-Xagħra fi tfuliti, barra Kella li jien ħadt minn fuq Dun Franġisk Agius (1712-1770).

***Victor J. Galea***
***Ir-Rabat Għawdex***
***6 ta' Novembru tas-sena 2000.***